Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 179/2018

Il-Pulizija
Spettur Josric Mifsud

Vs

Clint Mifsud

Illum 11 ta' Dicembru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Clint Mifsud detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 553689M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar is-27 ta' Gunju, 2014, ghal habta tal-hdax u nofs ta' filghodu (11:30hrs) gewwa Triq is-Salina, limiti tan-Naxxar, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti waqt li kien qieghed isuq il-vettura tal-ghamla Kia, tip Ceed, bin-numru tar-registrazzjoni CLT 117:

1. Talli, involontarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Godwin Marmara', ai termini tal-Artikolu 226 (1) (a) tal-Kodici Kriminali;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni CLT 117 b'manjiera traskurata u perikoluza, ai termini tal-Artikolu 15 (1) (a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel hsara fil-vettura tal-ghamla Pero'dua bin-numru tar-registrazzjoni DBN 646 proprjeta' ta' Rosa Maria Marmara', ai termini tal-Artikolu 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-11 ta' April, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 226(1)(a) u 328(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal hlas ta' multa ta' erbat elef ewro (€4,000).

Inoltre', bl-applikazzjoni tal-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta skwalifikat lill-hati Clint Mifsud milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur, liema perjodu jibda jiddekorri minn nofsillejl tal-lum.

F'dawn il-proceduri ma kien hemm l-ebda hatra ta' esperti u ghalhekk, il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ghal hlas tal-esperti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Clint Mifsud, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' April 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tbiddel u tvarja s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti billi tilliberah mill-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu, u fin-nuqqas li taghti piena aktar xierqa ghac-cirkostanzi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Clint Mifsud huma s-segwenti u cioe`:-

L-aggravju tal-appellanti huwa proprju illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghalkemm ghamlet analizi sewwa tal-ligi, applikathom hazin fil-konfront tas-sewqan tal-appellanti u dana minhabba s-segwenti ragunijiet.

a) L-Ewwel Qorti ddikjarat (dwar l-ispeed tal-appellanti) *tant li ma setax jikkontrolla l-vettura tieghu biex iwaqqafha fil-hin meta t-trakk qasam u invadilu l-karreggjata u inoltre' lanqas kien qieghed izomm a proper lookout. Irrizulta li t-trakk qabad u qasam minghajr ma xeghel indicator u dan huwa certament kundannabbli, biss pero'' trakk ReadyMix li huwa vettura ta' certu piz ma jistax jaghmel il-manuvra li ghamel b'sewqan qawwi. L-imputat la kien qieghed attent ghal dak li kien qieghed jigri quddiemu meta ma kellu xejn x'jostakolalu l-vizwali; u inoltre' l-ispeed tieghu kien wiehed eccessiv* u *dan jaghti x'jifhem allura li l-imputat ma kienx qieghed jaghti kaz ta' x'kien qieghed jigri quddiemu ghaliex altrimenti li kieku t-trakk kien tant vicin tieghu kien jibqa' diehel fih u lanqas kien jaghtih cans jaqbez ghall-karreggjata l-ohra. Il-verita' hija li l-imputat ra t-trakk li qabad u qasam u meta induna ma kienx daqstant vicin tieghu izda huwa rrealizza li bil-velocita' li kien ghaddej ma kienx se jirnexxielu jieqaf waqt li kien fil-karreggjata tieghu.*

b) Bir-rispett kollu dovut dawn id-dikjarazzjonijiet tal-Ewwel Onor. Qorti kienu jaghmlu sens fil-konfront ta' incident li jkun sehh fejn vettura tkun baqghet diehla fil-vettura ta' quddiemu. Il-kuncett ta' proper lookout huwa wiehed semplici – is-sewwieq ghandu jiehu hsieb ghal dak kollu li qed jigri madwaru. Izda, u hawn huwa l-pern, ghandu jiehu hsieb in sens general ghal dak kollu li qed jigri madwaru f'sens legittimu. Is-sewqan tal-appellanti kien wiehed regolari ghal-lokalità li tippermetti sewqan f'partijiet minnha anki bi speed ta' 80 kfs. Vettura niezla, ghall-affari taghha kif kien l-appellanti, ghandu jippretendi li r-ready mix jaqbad u jdur quddiemu, bla indicator u jaghlaqlu t-triq.

c) Fil-kuntest ta' din il-manuvra ghal kollox illegali u inaspettata tar-*ready mix* x'tort ghandu l-appellanti.

d) Il-*causa prossima* ta' dan l-incident x'kien wara kollox. Is-sewqan tal-appellanti (kien kemm kien l-ispeed tieghu) jew id-dawrien b'mod ghal kollox inkonsult tar-ready mix.

e) Hawnhekk hemm bzonn kelma zghira dwar il-kwistjoni ta' *terzo ignoto.* Hawnhekk l-appellanti mhux iqajjem id-difiza tat-terzo ignoto fis-sens legali civili tieghu. Dak li qed jghid l-appellanti huwa: fil-kuntest fattwali pruvat ta' vettura ohra li kkawzat l-incident, x'tort ghandu jiehu l-appellanti. Wara kollox si tratta ta' terzi (ready mix) li ma kienx ignoto fis-sens illi l-prezenza tieghu fit kien fatt accertat.

f) Ghalhekk ghandna sitwazzjoni ta' *emergenza subitanea* kkawzata minn terz (pruvat) li wasslet ghal u kkawzat dan l-incident.

g) Ghalkemm l-ipotezi mhix prova id-domanda trid issir. Kieku r-ready mix ma darx, l-incident kien isehh? Ir-risposta hija semplicement le!

h) Il-kwistjoni tal-ispeed allegat tal-appellanti hija kwistjoni laterali fis-sens li l-ispeed ma kien iwassal ghal ebda incident minghajr il-manuvra perikoluza tar-ready mix.

Ghaldaqstant l-ewwel aggravju huwa illi l-appellanti ghandu jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu.

Subordinarjament l-appellanti jishaq illi kellu jinghata piena aktar xierqa ghac-cirkostanzi.

Ai finijiet ta' piena jekk tinhass li hemm xi negligenza attribwibbli lill-appellanti din il-Qorti trid tiehu kont anki tas-sewqan tar-ready mix. Kien DAK is-sewqan li wassal maggorment ghal dan l-incident. Il-partecipazzjoni tal-appellanti f'sens negligenti kien zghir hafna fil-konfront tas-sewqan tant u tant traskurat tar-ready mix.

Semghet lill-partijiet jittratttaw il-kaz fejn wara talbu lil din l-Onorabbli Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat.

**Karen Cremona** ghan-nom ta' Transport Malta xehdet nhar it-13 ta' April, 2016 (fol. 30) fejn ikkonfermat li l-vettura numru ta' registrazzjoni DBN 646 hija tal-ghamla Pero'dua Kelissa, registrata f'isem Rosemary Marmara u ilha hekk registrata fuq isimha sa mill-24 ta' Mejju, 2006. Din il-vettura giet skrappjata ufficcjalment mal-Awtorita fis-27 ta' Novembru, 2014.

Rigward il-vetttura l-ohra bin-numru ta' registrazzjoni CLT 117 din hija tal-ghamla Kia Ceed registrata f'isem Darren Sciberras u ilha hekk registrata f'ismu sa mis-7 ta' Ottubru 2014. Qabel kienet registrata fuq Lewis Mifsud. Stqarret ukoll li bejn il-perijodu ta'd-29 ta'April, 2009 u s-7 ta' Ottubru, 2014 inbidlulha ukoll il-pjanci bin-numru ta' registrazzjoni.

Nhar l-20 ta' April, 2016 regghet xehdet u kkonfermat li Godwin Marmara kellu *driving license* kategorija B u C valida sat-13 ta' Mejju, 2019 u din giet rinovata fl-14 ta' Gunju, 2014. Id- dokument relativ gie markat bhala dok KC 2 (fol. 77)

**Godwin Marmara** xehed nhar it-3 ta' April, 2016 (fol.39) u stqarr li huwa kellu 71 sena ghaliex twieled fit-12 ta' Mejju, 1944. Ikkonferma li nhar is-27 ta' Gunju, 2014 kien involut f'incident tat-traffiku. Qal li fiz-zmien meta kien involut f'dan l-incident huwa kien pensjonant pero' kien jahem fil-hajja privata tieghu bhala Public Accountant izda wara dan l-incident hajtu bidlet kompletament. Qal li saqajh tal-lemin naqsitlu pulizier. Qal li lanqas jista' izomm kikkra te' f'idejh ghaliex irid izomm il-krozzi. Anke biex jilbes il-kalzetti jew jilbes iz-zarbun ghanadu bzonn l-ghajnuna. In poche parole tilef l- indipendenza li kellu kompletament.

Dwar l-incident *per se* spjega li kien niezel in-nizla ta' Alla u Ommu bil-vettura tieghu tal-ghamla Perodua Kelisa kulur silver numru ta' registration DBN 646 li hija registrata fuq l-mara tieghu Rose, sejjer lejn San Pawl il-Bahar. Hemmhekk huwa baqa' niezel 'l isfel u ghadda l-ewwel roundabout li taghti ghal-Burmarrad fuq in-naha tax-xellug tat-triq. Qal li karozzi ma kienx hemm huwa biss nizel dritt. Ostakoli ta' karozzi ma kienx hemm salv ghal karozza wahda li kienet 'l quddiem 'l boghod. Mistoqsi jekk kienx hemm karozzi ipparkjata fuq in-naha tieghu tat- triq ighid li ma kienx hemm.

L-incident sehh proprju qabel ma wiehed idur ghal Maghtab. Qal li imbaghad f'daqqa wahda kien hemm vettura ta' kulur skur li dahlet fih minn quddiem fuq is-side tieghu tat-triq u cioe' tax-xellug mid-direzzjoni opposta. Qal li l-incident kien wiehed '*head on*'. Qal li huwa intilef ftit minn sensiegh u appena gie lura f'sensieh fetah il-bieba u '*he slided out*' u inghata l-ghajnuna minn nies. Huwa esebixxa tlett ritratti li gew markati bhala dok GM1, GM2 u GM3. Fir-ritratt markat dok GM1 hemm il-karozza tieghu, dik tal-appellant u tal-habib tieghu li gie fuq il-post wara l-incident. Fir-ritratt dok GM2 hemm ic-cint li waqa' bl-impatt fuq il-vettura tieghu u fid-dokument GM3 jghid li hemm il-vettura tieghu li qabzet il-bankina u mdahla go hajt u l-karozz tieghu go fiha.

Qal li bhala rizultat ta' dan l-incident spicca l-isptar u ghamel diversi operazzjonijiet u baqa' jiehu t-terapija ghal zmien twil.

In kontro-ezami nhar l-14 ta' Gunju, 2017, ix-xhud rega' xehed u qal li jiftakar il-vettura ta' kulur skur diehla go fih u dan appena wasal hdejn l-entratura tal-Maghtab. Jiftakar li quddiemu kien hemm karozza izda din kienet boghod minnu. Mistoqi jekk setghax kien hemm karozza ohra li qabzitu jghid li hu cert li ma kienx hemm. Meta sehh l- impatt huwa kien fuq in-naha tieghu tat triq, 'l gewwa hafna. Muri r- ritratti esbiti fl-atti jghid li l-vettura tieghu hija dik li kienet fil-hajt. Mitqosi jekk kienx hemm xi *break marks* jghid li ma jafx ghaliex dak il-hin wara l-incident kellu qisu *black out* ghalkemm ma damitx hafna qabel ma gie lura f'sensieh.

Qal li dakinhar li mar l-isptar poggewh f'ward u dam hemm 24 siegha u meta gie biex jigi *released* u qallhom li ma setghax jimxi u t-tabib qallu tippretendix li tista' timxi. Baghtuh id-dar u intefa fis-sodda wara xi tlett ijeim li baqa' mugugh rega' dahal l- isptar u qalulu li kellu hafna hsarat fil-hip. Bejn il-gurnata tal-incident u meta rega' dahal l-isptar it-tieni darba huwa qad il-hin kollu fis-sodda kien mugugh hafna.

**Keith Marmara** xehed nhar it-13 ta' Arpil, 2016 (fol. 50) u esebixxa 23 ritratt li gew markati bhala dok KM1 sa KM23 u kkonfema r-ritratti markati bhala dok KM4 sa KM 23 salv ghal DOk KM 21 gew mehuda ilkoll minnu. Dawn gew mehuda wara li

sehh l-incident wara li gie tat-towing. Dawn ir-ritratti juru l-entita' tal-habta kemm fil-fatt kienet kbira tant li nfethu l-airbags kollha, il-pedala tal-gass spiccat fuq il-pedala tal-break, il-vettura tghawget min nofs bil-habta. Hemm ukoll ritratt ta' missieru bil-hmura ma l-ghonq li skond it-tobba gie kkagunat bil-hruq ta' seat belt.

**Jonathon Marmara** xehed u kkonferma li r-ritratti markati bhala dok KM1, KM2, KM3 u KM21 gew mehuda minnu permezz tal-mobile tieghu.

**Emmanuel Zammit** xehed u gharaf il-vettura tieghu tal-ghamla Audi Q3 sewda murija fir-ritratt dok JM1 u stqarr li hu ma kienx invout fl-incident u stqar li pparkja l-vettura tieghu hemmhekk ghaliex suppost kellu appuntament mas-sur Marmara u s-soltu ikun puntwali u meta ra li ma marx cempel u qalulu li kien invout f'incident u ghalhekk mar fuq il-post tal-incdient.

**WPS 50 Oriana Spiteri** xehdet u spjegat li nhar is-27 ta' Ottubru, 2014 kienet xoghol l-ghassa tal-pulizija *first watch* u kienet qed tlahhaq id-distrett kollu. Fil-11.30a.m. cemplulhom li kien hemm incident bil-feruti ghalhekk marret fuq il-post. Nizlet it-Telgha ta' Alla u Ommu flimkien ma PC 1078 u fuq il-post sabet li PC 924 kien diga' hemm flimkien mal-pulizija tat-traffiku li kienu qed jidderiegi t-traffiku u kien hemm ukoll ambulanza. Indunat li kien hemm zewg vetturi involuti fl-incident mahbutin head on. Murija r-ritratt markat bhala dok GM3 qalet li dak hu riflessjoni ta' dak li sabet fuq il-post. L-ambulanza setghet kienet aktar 'l fuq pero' il-vetturi kif murija fir-ritratt kienu kif sabithom hi. Fl-ambulanza kien hemm Godwin Marmara u kellmithu qabel ma telaq lejn l-isptar imbaghad kellmet lill-appellant.

Qalet li fuq il-post kien hemm Christian Borg li kien ra l-incident u hadet il-versjoni tieghu ta' kif sehh l- incident. Tghid li skond l-informazzjoni li hadet mill-isptar Marmara ma kienx fil-perikolu tal-mewt u ghalhek regghu fethu it-triq. Hija esebiet l-isketch li ghamlet hi li gie markat bhala dok OS. Murija d-dokument mmarkat bhala dok OS3 a fol. 9 tghid li din hija l-verzjoni tal-fatti kif spjegta minn Maramara moghtija lilha mill-familjari tieghu ghaliex hija ma kellmitux. Murija d-dokumenti OS 4 u OS 5 tghid li dawn huma ic-certifikati medici. Qalet li skond ic-certfikat mediku OS 4 hemm miktub li Marmara kien qed isofri minn feriti ta' natura hafifa

salv kumplikazzjonijiet waqt li fid-dokument OS 5 hemm imnizzel li l-feriti huma ta' natura gravi. Jirrizulta li filwaqt li DOk OS4 huwa data 27 ta' Gunju, 2014, id-dokument OS 5 huwa datat 3 ta' Lulju, 2014.

**PC 1078 Mario Ciantar** spjega li fis-27 ta' Gunju, 2014 ghall-habta tal-11.30am kienet sehhet kollizzjoni bejn zewg vetturi DBN 646 u CLT 117 fin-nizla ta' Alla u Ommu. Jghid li huwa akkompanja lil WPS 50 Spiteri pero' zamm distanza u ghalhekk jghid li rhom biss mahbuta u qaghad jidderigi t-traffiku. Muri ir- ritratt GM3 ighid li dik hi ix-xena li huwa ra fuq il-post pero' is-sewwieqa ma rahomx.

**PC 924 Pierre Mifsud** jghid li hu kien xoghol first watch l-ghassa ta' Bkara u ircieva telefoanta mill-control room tal-Head Quarters fejn gie mgharrf li kien hemm incident fin-nizla ta' Alla u Ommu. Huwa ghalehkk mar fuq il-post u sab l-incident. Muri r-ritratt markat bhala dok GM3 ighid li dik kienet il-posizjoni ta' kif kienu l-vetturi meta wasal hu fuq il-post. Sab lill-appellant fuq il-post u staqsih jekk riedx xi ghajnuna medika izda stqarr li ma kellux bzonn. Pero' ra lis-Sur Marmara fl-ambulanza.

**Godwin Marmara** xehed u muri d-dokument markat bhala dok OS 3 ighid li dik inkitbet minn wahda mill-familjari tieghu ghaliex kien ma jiflahx pero' l-firma hija tieghu. Kien migugh u ma setax jikteb. Qal li pero' dak li hemm bhala kontenut huwa dak li stqarr hu.

**Christian Borg** xehed u spjega li kien ra incident isehh fit-telgha ta' Alla u Ommu. Spjega illi huwa kien qiegehd wara truck, sejjer lejn id-direzzjoni tas-Salina, niezel in-nizla. Quddiemu kellu truck ta' ready mix. Dan it- truck kiser quddiemu ghal-gol Maghtab waqt li kien warajh. F'hin minnhom meta it-truck kiser ezatt jara l- karozza sewda gejja ghal fuqu qieghda *wrong way*. Ghalhekk kkonferma li din il-karozza kienet gejja fuq il-karreggjata zbaljata. Raha din il-vettura bil-break tkaxkar u irnexxilu jiskapulaha u kiser ghal wara it-truck u l-vettura dahlet u habtet fil-vettura li kienet warajh. Jghid li huwa kien gja dar dik in-naqra, sema hoss kbir u nizel biex jghin. Din il-karozza sewda ma kienitx kbira. Muri r-ritratt markat bhal dok GM3 u jghid li huwa sab il-vetturi f'din l-istess posizjoni murija fir-ritratt. Huwa gharaf lill-

appellant bhala l-peruna li kien qed isuq il-vettura sewda u li l-parte civile bhala l-anzjan li kien fil-vettura l-ohra li spiccat dahlet fic-cint.

Mistoqsi kif l-appellant kien qed isuq bil-break jghid li ra d-duhhan hiereg mit-tyres. Huwa ha qata dak il-hin u kiser ghal gol Maghtab biex jevitah. Huwa ma setax jara kif kienet qed tinstaq il-vettura sewda qabel l-incident ghaliex kien hemm tar-*ready mix* quddiemu. Pero' sema twerziq tat-tyes ta' vettura li kienet quddiem it-truk tar-*ready mix* biex lewa. Ikkonfema li ma kin hemmx karozzi ghaddejjin fit-triq u ghalhekk il-karozza sewda kellha triq libera quddiemha. Dak il-hin mar ikellem lill-appellant u dan qallu *'rajt kif kien gej tar-readymix?'* u huwa wiegbu li huwa kien ser jidhol go fih u ghalhekk kiser ghal warajh. Qal li wara l-appellant hareg mil-karozza u beda jghajjatt u jghid li din kienet it-tieni karozza li kien faqa'. Huwa imbaghad ta n-numru tat-telefon tieghu lill-appellant ghaliex gie mitlub. Mistoqsi jekk rax *break marks* jghid il ra min naha tal-lane fejn kien l-appellant ghan-naha l-ohra tat-triq.

**Daniel Borg** jghid li fil-jum tal-incident li sehh fin- nizla ta' Alla u Ommu huwa kien riekeb passigier ma' Christian Borg u qal li kienu sejrin lejn is-Salina u kienu nizlin min-nizla ta' Alla u Ommu. Lahqu qabzu r-roundabout li taghti ghal Burmarrad, mixjin wara *ready mix*. Dan tar-*ready mix* qabad u qasam lejn il-Maghtab, minn wara r-*ready mix* ra karozza gejja bi speed eccessiv. Ra din il-vettura fil-karreggjata ta' quddiemu gejja lejn in-Naxxar, ghalhekk kienet qed tinstaq faccata taghhom *wrong way* biex jevita li jidhol fit- truk. Qal li ra gejja *gas down* u biex jevita it-truck li kien gie fuq il-lane oppost u cioe' fil-karreggjata tieghu dan qabad u gie fuq il-karreggjata taghhom. Sema hsejjes wara li din habtet mal-vettura li kien hemm warajh. Breaks ma semghatx. Huh li kien qed isuq qabad u kiser ghal wara ir-ready mix biex jevita l-karozza s-sewda. Appena skapulaw din il-vettura sewda sema hoss qawwi u waqfu biex jghati l-ghajnuna.

Jiftakar li ra l-vettura sewda mahbuta fil-vettura silver li kienet originarjament warajhom. Qal li l-vettura spiccat fuq il-bankina u b'cint maqluh ghal go fiha. Muri ir-ritratt markat bhala dok GM3 ikkonferma li dik hi x-xena tal-vetturi kif spiccaw wara il- habta. Qal li kien hu li cempel ghall-ambulanza. Gharaf lil *parte civile* bhala

s-sewwieq tal-vettura griza u stqarr li l-appellant jista' jkun is-sewwieq tal-karozza sewda pero' dwar dan ma kienx cert.

**Dr Audrey Aquilina** xehdet u murija id-dokument a fol. 19 tghid li kienet ezaminat lil Godwin Marmara fit 3 ta' Lulju, 2014 u qalet li kellu problema bil-mixi. Tghid li giet mgharfa li kien involut f' incident stradali u li gie ammess fid-dipartiment tal-Emergnza ta' l- Isptar Mater Dei fis-27 ta' Gunju, 2014

**Dr James Borg** xehed (fol. 106) u kkonferma li ic-certifikat mediku esebit fl-atti a fol 11 markat bhala dok OS 4 gie rilaxxjat minnu. Ikkonferma li nhar is-27 ta' Gunju, 2014 kien esamina lil Godwin Marmara fis-1.30p.m u sab li kellu xi griehi kif rapportati fic-certifikat. Mistoqsi jekk kienx ghamel X-rays tal- pelvis tieghu ighid li le m'ghamilx. Huwa ta' medication skond dak li ra dakinhar. Ordna li jsiru X-rays tac-Chest u tal-ispine. Tal-hips l- isfel ma ordnax.

**Mr Thomas Azzopardi,** konsulent kirurgu xehed nhar is 17 ta' Jannar, 2017 u spjega li Godwin Marmara huwa pazjent tieghu u jghid li dahal taht il-kura tieghu fit-3 ta' Lulju, 2014. Spjega li kien involut f'incident stradali fis-27 ta' Gunju, 2014 fejn kellu *head injury* f'rasu. Pero' kellu injuries ohra li ma gewx notati ghaliex diagnosi fuqhom ma sarx u kien mibghut lura d-dar. Fit 3 ta' Lulju, 2014 dan ipprezenta ruhu b' dislocation tar-right hip. Huwa ghalhekk kellu jiehu hsieb li jsir reconstruction tal-hip joint. Wara l-operazzjoni ghamel perijodu twil ta' konvalexxenza u kellu xi kumplikazzjonijiet bhal per esempju trombosi.

Fis-26 ta' Lulju, 2014 intbaghat l-isptar Karen Grech ghar-rihabilitazzjoni. Wara gie ukoll riferut lil Mr. Duncan Witwell li jigi minn barra bhala visiting consultant u fil-fatt sarlu intervent iehor.

Is-sors ta' dawn il-feriti kollha huma kagun tat- *traffic accident.* Eventwalment kellu bzonn anke jghmel *hip replacement.* Huwa esebixxa r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala dok TA. Spjega li l-feriti kienu ta' natura gravi.

**L-Ispettur Josric Mifsud** xehed u kkonferma li kien gie mgharraf li kien sehh incident tat-traffiku fin-nizla ta' Alla u Ommu nhar is- 27 ta' Gunju, 2014. Qal li s-Sur Marmara kien gie *released* mill-isptar ftit wara u ma kienx jaf li l-feriti li ssubixxa

kienu ta' ntura gravi u kien ghalhekk li ma saritx inkjesta. Stqarr li kien irrizultalu li kien hemm zewg persuni ohra li kienu f'karozza li setghu kienu ta' importanza ghal dan l-incident. Kellimhom u dawn qalulu li raw vettura gejja tiswervja mis-Salina lejn in-Naxxar fid-direzzjoni opposta taghhom u meta raw hekk qabdu u dahlu lejn il-Maghtab u fil-hin semghu hoss u indunaw li din l-istess vettura li kienu raw tiswervja habtet mal-vettura li kienet ghada warajhom.

Jghid li huwa kien gie mitlub sabiex jara jekk is-sur Marmara kienx involut f' incident awtomobilistiku iehor, u ighid li mir-ricerka li ghamel kellu incident iehor zghir ta' *bumber to bumper*. Ir-ricerka ghamilha kemm mal-wardens kif ukoll mal-pulizija stess.

L-appellant **Clint Mifsud** xehed minn jeddu u b'mod volontarju  quddiem l-ewwel Qorti nhar is-17 ta' Jannar, 2018 (fol. 160). Jghid li nhar is- 27 ta' Gunju, 2014 kien qed isuq il-vettura tieghu tal-ghamla Kia numru ta' registrazzjoni CLT 117 fi Triq is-Salina sejjer lejn in-Naxxar. Kien ser jitla' it-Telgha t'Alla u Ommu. Kien gej minn Bugibba. Kien wasal hdejn dik it-triq li taghti ghal-Maghtab, kwazi hdejn il-kantuniera taghha. Kienu ghal-habta tal-12.15p.m.

Quddiemu ma kienx hemm karozzi kienu 'l boghod iktar minn tul l-awla.  Kien ghadejj b'velocita normali. Spjega li ma kienx ghaddej bi speed u kien sejjer ghax-xoghol normali. F'daqqa u 'l hin ra *ready mix* kbir quddiemu u ma kellux chance jghamel xejn hlief li jikser l-isteering biex jiskapula r-ready mix  u ezatt wara li lahaq ghadda dan ir-ready mix, dar van iehor tal-aluminium, skapulah ukoll  u biex ma jidlholx la f'tal-*ready mix* u lanqas fil-van tal-aluminium  sab dan ir-ragel quddiem bil-vettura tieghu kulur silver u baqa' diehel go fih.

Dan ir-ragel kien sejjer lejn Bugibba, bil-kontra tieghu. Tar-*ready mix* kien gej minn quddiem dan ir-ragel u dar u ghalqulu t-triq bla sinjal ta' xejn.  Qal li tal-aluminium ukoll kiser ghal wara r-ready mix u kwazi kwazi telgha il-bankina biex dan evitah.

Mistoqsi jekk kienitz il-karozza ta' Borg li daret wara tar-redaymix jghid li ghalih kienet vettura qisa van tal-aluminium. Jghid li l-breaks ma zammx. Ma setax jiehu

break. Jaqbel li fil-vettura l-ohra li kien wara r-ready mix ma dahalx ghax skapulah izda dahal fil-vettura ta' Marmara ghax ostakolalu t- triq.

Qal li ma kellux chance izomm break ghax kien vicin ir-*readymix* meta rah. Huwa ried jiskapola r-readymix biex ma jidholx tahtu. Fuq domanda tal-avukat ighid li zamm break izda ftit hafna. Jghid li ma kellux way ohra hlief li jdawwar l- *isteering* kif ghamel. Qal li r-readymix lewa quddiemu bla *indicator* fejn pero' jghid li rah jilwi ghax kien quddiemu. Jghid li vera dawwar l-isteering ghall-lane l-iehor imma ma kellux ghazla. Jghid li ma kienx ghaddej iktar minn 60 pero' ma jghidx jekk kienux kilometri m jew mili. Jghid pero' li Marmara ma hadux *head on* izda laqtu mill-genb tan-naha tieghu.

Rat id dokumenti kollha esebiti.

Ikkunsidrat.

Il-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu is-segwenti:-

1. L-appellant kien ghaddej minn Triq is-Salina sejjer lejn in-Naxxar gejn mis-Salina nhar is-27 ta'Gunju 2014.
2. Ghal habta tal-11.30a.m. habat fil-vettura misjuqa minn Godwin Marmara li kienet gejja mid-direzzjoni opposta u cioe min Naxxar sejra lejn is-Salina.
3. L-incident sehh fil-karreggjata it-tajba ta' Marmara u ghalhekk f'dik zbaljata tal-appellant.
4. L-incident jidher li kien wiehed frontali '*head on*' u mhux la genba kif qal l-appellant fix-xhieda tieghu.
5. Jidher li bid-daqqa li qala Marmara dan gie imbuttat lura f'cint li spicca waqa' fuq il-vettura tieghu kif muri fir-rirtratti esebiti.
6. Bhala rizultat ta' dan l-incident Godwin Marmara sofra feriti ta' natura gravi kif deskritti mill-Konsulent Kirurgu Thomas Azzopardi fir-rapport tieghu.

7. Jirrizulta wkoll li kien hemm hsarat fil-vettura misjuqa minn Godwin Marmara u cioe fil-vettura numru ta' registrazzjoni DBN 646 tal-ghamla Perodua proprjeta' ta' Rose Marmara.

Bhala fatti *ut sic* ma jidhirx li hemm kontestazzjoni. Pero' filwaqt li l-appellant jghid li l-incident ma sehhx tort uniku tieghu l-parte civile hija tal-fehma li hija ma tahti xejn ghal dak li gara. Id-difiza issostni li l-incident sehh peress li kien hemm *ready mix* ghaddej fil-karrgjata ta' Marmara aktar 'l quddiem minnu u dan qabad u dar f'daqqa lejn il-lemin tieghu biex jidhol fil-Maghtab bla ma ghamel sinjal ta' xejn. Warajh kien hemm vettua ohra li ghamlet bhalu u b'hekk ostakolawlu l-karreggjata tieghu. Huwa ghalhekk mar fuq il-kareggjata zbaljata biex jevita l-incident u cioe' sabiex jiskapola kemm ir-*ready mix* kif ukoll il-vettura ta' waraja pero' spicca dahal fil-parte civile Marmara ghaliex ostakolalu l-karreggjata li kien fuqha. L-appellant jghid li ma kienx qed isuq bi speed u dan ghaliex kien sejjer ghax-xoghol u jghid li kien mixi b'sittin pero' jekk kienx mili jew kilometri ma jirrizutlax. Ix-xhieda pero' ta Chritian Borg u Daniel Borg juru mod iehor li ighidu li kien mixi bi speed eccesiv u jiswervja ghal fuq il-karreggjata tal-lemin tieghu kontra it-traffiku li kien gej. Tant hu hekk li jghidu li huma daru lejn il-Maghtab sabiex jevitaw lill-appellant jidhol fihom. Min naha l-ohra jirrizulta li l-appellant kien mixi ghal galbu fi triqtu sejjer lejn id-direzzjoni tas-Salina meta f'daqqa u l-hin tfaccat vettura mid-direzzjoni opposta tal-istess karreggjata tieghu u dahlet fih '*head on*'. Il-hsarat kif murija fir-ritratti jindikaw li d-daqqa kienet wahda frontali u mhux la genba kif stqarr l-appellant fix-xhieda tieghu.

**Kunsiderazzjonijiet legali.**

L-appellant gie akkuzat talli saq il-vettura tieghu tal-ghamla Kia tip Ceed numru ta' registrazzjoni CLT 117 b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jw b'nuqqas ta' hila fl-arti u professjoni tieghu u b'nuqqas ta' tharis lejn ir-regolamenti waqt li kien fi Triq is-Salina limiti tan-Naxar ghall-habta tal-11.30a.m. u b'hekk ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Godwin Marmara u hsara fi-vettura proprjeta' ta' Rose Marmara numru ta' registrazzjoni DBN 646 tal-ghamla Peodua Kelissa.

Illi ghalhekk l-prosekuzzjoni trid tipprova li in effetti l-appellant ikkaguna feriti gravi involontarji fuq Godwin Marmara kif ukoll hsarat fil-vettura tal-mara tieghu minhabba negligenza traskuragni u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Illi l-fatt li Godwin Marmara sofra feriti gravi mhux indubitat u dan wara li din il-Qorti semghet lil Mr. Thomas Azzopardi jixhed u jghid lli *"Hu kellu central fracture dislocation fejn il-hip sfrundat il-femoral head sfrundat is-socket tal-pelvis*[1]*."* Mistoqsi jekk kienx cert li din il-ferita sehhet bhala risultat tal-incident awtomobilistiku peress li giet notata xi jiem wara jghid *" Jien li nista' nghidlek beyond reasonable doubt li dina kient missed injury*[2]*"* Jghid ukoll li Marmara kellu diversi operazzjonijiet in konnessjoni ma dan is-sinistru fejn saret ukoll *"orif fixation jre reconstruction tar-right hip joint. Wara l-operazzjoni ghamel zmien twil ta' konvalexxxenza*[3]*"*

Illi isir referenza ghax-xhieda ta Godwin Marmara stess fejn dan jghid li *"il-hajja nbidlitli kompletament…tant hu hekk li lanqas ma nista ngor kikkra te jiena bil-krozi f'idejja..ghandi boznn l-ghajnuna il-hin kollu…tlift l-indipendenza completely. Biex nohrog mid-dar iridu johorguni*[4]*"*

Illi ghalhekk mhemmx dubbju li l-feriti li sofra Godwon marmara kienu ta' natura gravi.

Dwar il-hsarat li gew kagunati fil-vettura ta' Rose Marmara u cioe' l-vettura Perodua numru ta' registrazzjoni DBN 646 jinghad li l-prosekuzzjoni ma resqitx prova dokumetnarja dwar il-quantum tal-hsarat. Pero' esebiet ritratti li jindikaw il-hsara estensiva fuqha kemm fil-parti ta' quddiem kif ukoll fuq il-parti ta' wara, u fuq il-bieb tad-driver fuq in-naha tal-lemin[5].

Il-Qorti tirrileva li dan mhux il-kaz li l-prosekuzzjoni kellha tipprova l-quantum tal-hsrat jew li tresaq xi stima ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament

---

[1] Fol. 3 tax-xhieda tas-17 ta Jannar 2017 t Mr Thoms Azzopardi (pagna 117)

[2] Fol.6 tax-xhieda tas-17 ta Jannar 2017 t Mr Thoms Azzopardi (pagna 120)

[3] Fol.2 tax-xhieda tas-17 ta Jannar 2017 t Mr Thoms Azzopardi (pagna 116)

[4] Fol.2 tax-xhieda tat-13 ta April 2016 ta' Godwin Marmara (pagna 49)

[5] Vide ritratti esebiti fl-atti a fol 29 markat bhala dok GM1 u GM2

preseduta fil-kawza "**Il-Pulizija vs. Joseph Cutajar**[6]" *meta Qorti, bl-applikazzjoni ta' l-esperjenza ta' kulljum tal-gudikant, tkun tista' taghmel il-valutazzjoni taghha, m' ghandux jitqabbad perit jekk tali valutazzjoni tal-fatti ma tkunx tinhtieg hila jew sengha specjali. Dan ukoll ghaliex l-ispejjez ta' tali perizja u d-dewmien li din necessarjament iggib ikunu inutili w ghalhekk ingustifikati.* (ara ukoll "**Il-Pulizija vs. Lorita Pace**[7]")

Illi ghalhekk il-prosekuzjoni irnexxilha ukoll tipprova li kien hemm hsarat fil-vettura ta' Rose Marmara. Il-Qorti ghalhekk issa trid tizen u tifli l-provi prodotti biex tara jekk tali feriti u hsarat gew ikkagunati minhabba s-sewqan tal-appellant u b'hekk jkunu sehhew b'tort tieghu.

Ikkunsidrat.

L-appellant jagħmel numru ta' sottomissjonijiet relatat mal-appell tiegħu li l-każ seħħ minħabba tort uniku tal-ready mix li qabdet u qasmet il-karreggjata tal-appellant bla pre avviz u b'hekk ikkrejatlu emergenza subitaneja. Din il-Qorti sejra tagħmel referenza għar-regoli appikabbli għal min ikun qed isuq fi triq pubblika u għat-tgħallim ġurisprudenzjali dwar l-obbligi imposti fuq driver ta' vettua. Illi l-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq ossia il-Highway Code tagħmel numru ta' rakkomandazzjonijiet lis-sewweiq ghal dak li jirrigward kif ghandu ikun is-sewqan tieghu:

Taht l-intestatura '*Drive Along*' insibu:-

*"48. KEEP WELL TO THE LFT, except when you intend to overtake or turn right. Do not keep in the middle of the road. Do not cut corners.*

*49. Do not drive too close to the veichle in front of you a distance sufficient ti enable you to pull up in an emergency".*

Taht l-intesttaura '*Lane Discipline and Carriageway Markings.*' Insibu:-

*51. "Where the carriageway is marked out by means of white lines, abide by such lines.*

---

[6] Appell Kriminali mill-Prim' Imhallef V. DeGaetano deciz nhar it-23 ta' Settembru, 2005

[7] Appell Kriminali datat 7 ta Dicembru 2006

*52. Never cross continuous white lines, whether double or single.*

*53. Broken white lines divide the carriageway into lanes and may be crossed with proper caution and aftr due notice to oother traffic.*

*55. Keep well within the taffic lanes. Do not drive over or astride the white lines.*

*56. Do not keep changing lanes. Use the inner (i.e left hand) lane except when over taking or tunring right. Signal in good time your intention to change lane.*

*57. Do not stop in the outer lane".*

Taht l-intestatura ta '*Speed limits*' insibu.

92." *Never drive at such a speed that you cannot pull up within the distance tht you can see to be clear. Remember that your visibility is reduced at corners and over the crests of hills and that your braking distance is greater downhill or when the road is wet or slippery. Even under normal conditions, the braking distance increases rapidly with the speed[8]: for example, the braking distance of a vehicle travelling at 40 m.p.h is four times that of the same vehicle at 20 m.p.h).*

*93. You need a certain time to react to an emergency".*

Illi fir-rizoluzzjoni ta' responsabbilta' naxxenti minn incidenti awtomobilistici, ghandu dejjem jigi ezaminat x' kienet il-kawza prossima tas-sinistru ("**Il- Pulizija vs. Emmanuele Grixti**[9]") u sabiex ikun hemm responsabbilta' ghall-kollizzjoni jinhtieg li jkun hemm nexus fis-sens li l-vjolazzjoni tkun kawza prossima tal-kollizzjoni. ("**Il-Pulizija v. Nazzareno Micallef**[10]"). Ghalhekk, din il-Qorti isostni li jrid jigi pruvat sodisfacentement li is-sewqan tal-appellant qabel l-incident kien indubbjament il-kawza prossima tas-sinistru.'

Illi Christian Borg fix-xhieda tieghu [11] jghid li l-appellant kien *"gej gas down ghal go fija"* Mhux talli hekk biss izda ikompli "*Jien hadt qata dak il-hin u ksirt gol Maghtab*."

---

[8] Enfasi ta din l-Onorabbli Qorti.

[9] Kollez.Vol.XXXVII, iv. p.1217

[10] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' Diċembru, 1960

[11] Seduta tal-20 ta April, 2016 fol. 83

Daniel Borg ighid fix-xhieda tieghu[12] ighid li hu kien rikeb ma huh Christian Borg nizlin mit-triq tat-Telgha u Ommu wara truck tar-ready mix. Jghidu li dan it-truck dar lejn il-Maghtab u ex admisses ighid *"minn warajh ( b'referenza ghat-truk) rajna karozza sewda gejja bi speed eccessiv"* Mistoqsi kif jaf li kienet gejja bi speed eccessiv ighid li *'rajta gejja gas down"*.

Godwin Marmara l-vittma, mistoqsi kif sehh l-incident ighid[13] *"F'daqqa wahda, f'daqqa wahda jitfaca karozza skura u jidhol fuqi sparat fuqi dirett u jifqaghni mal-ewwel "*

L-appellant min naha l-ohra jghid li kien qed isuq sejjer lejn ix-xoghol normali ighid *"ma kontx ghaddej iktar minn 60"* pero' fl-istess nifs ighid li *" Ma stajtx ngahfas il-break. Jiena ridt niskapula ir-readymix biex ma nidholx tahtu, jiena ridt nevita incident u kkawzajt iehor….Ma stajtx naghfas il-break ma kelli chance."*

Il-Qorti rat ukoll l-impatt u mhemmx dubbju li dan kien wiehed qawwi tant li l-vettura li kien qed isuq Marmara spiccat imkahhla fil-hajt u twaqqa' cint. Il-hsarat huma estensivi fiz-zewg karozzi.

Min ikun ghaddej minn triq principali, bhalma kien ghaddej l-appellant, ghandu d-dritta izda xorta jrid izomm a proper look-out u jsuq bi speed li mhux biss ma jeccedix dak regolamentari izda lanqas ma jeccedi dak dettat mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Roger Bugeja**[14] intqal hekk:

"*Speed eccessiv wahdu mhux tabilfors hu speed perikoluz, imma jista' jkun tali f' determinati cirkustanzi (**'Pul. vs. Sapiano**[15]*'*; **'Pul. vs. Galea**[16]*'); u f' dawk ic-cirkustanzi speed jista' jkun eccessiv anki jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari, ghax il-limiti allura jkun impost mill-prudenza, dettata mill-fatturi ambjentali tal-mument*[17]."

[12] Seduta tal-20 ta April, 2016 fol. 89

[13] Seduta tal-13 ta April, 2016 fol. 43

[14] Deciz mill-Qorti tal Appelli Krimianli nhar 30 ta Gunju 1962. (Vol. XLVI.iv.873)

[15] Deciz mill-Qorti tal Appelli Krimianli nhar it-23 ta' Jannar 1960

[16] Deciz mill-Qorti tal Appelli Krimianli nhar il-5 ta' Novembru 1960

[17] Ara wkoll Crim. Law Review, Dec. 1961, pp. 835-836

Illi kif ġie kkunsidrat fil-kawża fl-ismijiet **'<u>Pulizija Sp. Pierre Micallef Grimaud vs Neil Anthony Fenech</u>**[18]'58: '*Illi din il-Qorti wara ezami rett tal-fatti kif emergew mill-provi akkwiziti hija tal-fehma li dan l-incident huwa unikament attriwibbli ghas-sewqan b' velocita' qawwija u nuqqas ta' 'proper look out' u inosservanza* ta' *regolamenti ta' traffiku da parti tal-imputat-sewwieq. Dan in-nuqqas jirradika r- responsabilita' kriminali naxxenti mill-Artikolu 225 tal-Kap.9 fil-konfront tieghu Il-Qorti tosserva li hemm provi sodisfacenti fis-sens li dan kien qed isuq bi speed qawwi sa tal-grad li ma kienx fil-posizzjoni li jikkontrolla l-vettura tieghu fis-sekondi precedenti l-incident".*

Jinghad li l-appellant ma kienx diligenti fis-sewqan tieghu sa tal-grad li huwa ra l-vettura tar ready mix quddiemu taghmel il-manuvra u minflok ma zamm il-break qabad u kiser ghall-karregjata l-ohra u cioe minn fejn kien ghaddej it-traffiku oppost u b'hekk kien hu li holoq emergenza subtiana lil kkonducent li kien fuq dik l-istess kareggjata li inzerta kien l-parte civile Godwin Marmara. F'dan ir-rigward huwa rrelevanti l-fatt sostnut mid- difiza – li tar-ready mix setgha m'ghamilx l-manuvra inkonsulta. Dato ma non concesso, anki jekk dan kien minnu, il-Qorti tosserva li sewwieq ghandu d-dover legali li jezercita dik id-diligenza necessarja, avut rigward ghall-kull min ikun ghaddej mit-triq, sabiex jara dak kollu li jkun hemm quddiemu fit-triq – u l-incident gara fit-triq.

Illi n-nuqqas ta' diligenza fis-sewqan da parti tal-imputat tirrizulta aktar manifesta fid-dawl tal-kostatazzjonijiet ohra maghmula minn din il-Qorti. Din osservat minn dak li irrizultalha li t-triq kienet xotta u l-incident sehh matul il-gurnata ghall-habta tal-11.30 u ghalhekk l-inhawi ma kienx mudlam.

Illi Chritian Borg u Daniel Borg it-tnejn jghidu li raw lill-appellant isuq bi speed fuq il-karrggjata zbaljata. In fatti l-appellant stess fix-xhieda tieghu jghid li kien hu li iddecida li isuq fuq il-karregjata zbaljata biex jevita li jispicca taht ir-ready mix. Mistoqsi jekk kienx qed jara l-karozzi gejjin qabel l-incident, u cioe jekk il-vizwali tieghu kienitx tajba qabel ma kiser tar-ready mix iwigeb ' *mhux quddiemek thares*[19]'

[18] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar l-20 ta' Settembru 2001 (Kump. 17/00)

[19] Seduta tas-17 ta Jannar 2018 fol. 166

Mistoqsi in segwitu " *allura jigifieri inti dik it triq m'ghandek xejn li jattilek il-vizeali meta int qed issuq tiela lejn Alla u Ommu, il-karozzi gejjin kontrik qed tarhom u fil-fatt r readymix rajtu niezel u rajtu qed jilwi quddiemek xi tghid*" l-Appellant jghid "*li s-sewwieq tar-ready mix lewa quddiemu, bla indicator bla xejn imma rajtu qed jilwi quddiemi bla xejn , kieku ma skapulajtux*[20]"

Mistoqsi b'zieda "*l-karozza l-ohra rajtha ukoll ghaddejja jigifieri il-vizeali tajba, jigifieri qed tra l-karozzi gejjin kontra tieghek. Pero' inti dawwart l-isteering ghal-gol lane li mhux suppost kont qieghed fiha naqblu*?" Iwiegeb '*biex nevita l-incident'*.

Godwin Marmara mistoqsi fejn kien l-appellant qabel ma sehhet il-kollizjoni jghid "*Fuq ix-xellug tieghi..fuq is-side tieghi..Jigifieri kienet qed tinstaq fid-direzzjoni opposta tieghu fuq l-istess karreggjata…..f'linja mieghi opposta.*"

Ghaldaqstant l-imputat kellu jkun jaf li fil-vicinanzi, aktar 'l fuq, kien hemm vettura gejja ghax raha qabel kif stqarr hu stess, u ghalhekk kellu d-dmir li jirrallenta l-velocita' tieghu sufficjentement sabiex ikun fil-posizjoni li jieqaf fil-hin f'kaz ta' emergenza. Inoltre l-grad ta' diligenza u z-zamma ta' 'proper look out' kellhom ikunu aktar akuti f' dan il-kuntest.

Illi dwar imputazzjoni ta' sewqan perikoluz u l-imputazzjoni ta' sewqan b' maniera traskurata, gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament li, jekk sewqan hux (i) negligenti ; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "degree". ( **Pul. vs. Charles Bartolo**[21] ; **Pul. vs. Wilson**[22] u **Pul.vs. Alfred Vella** [Vol. XLIV ; p. 933] ) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom, l-aghar is-sewqan perikoluz. (**Pul. vs. Hardingham**[23]**)**. Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz , hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim. **Pul. vs. Charles Farrugia**[24]) "Recklessness" giet defenita bhala "*wilfully shutting one's eye*"

---

[20] Seduta tas-17 ta Jannar 2018 fol. 166

[21] Deciz mill-Qorti tal Appelli Krimianli nhar l-14 ta Marzu 1959 Kollez. Vol. XLIII. 1016

[22] Vol. XXXIX p. 1018

[23] Deciz mill-Qorti tal Appelli Krimianli nhar id-19 ta Ottubru 1963

[24] Vol.XXXIX p. 1018

(App. Krim. **Pul. vs. Joseph Aquilina**[25] . Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. **Pul. vs. Antonio Spiteri** [26],)

Illi gie ukoll ritenut fl-Appell Kriminali: "**The Police vs.Gunner Brian Wilson**[27]" li :-

"*It is not easy to formulate in words the difference between dangerous driving and negligent driving. There are cases which are on the face of them glaring instances of dangerous driving. Other cases are absolutely cases of negligence. It is the borderline cases that require consideration in the light of the difference between negligent and careless driving on the one hand and dangerous driving on the other and where the difficulty arises. It is safe to say that the difficulty is a question of degree, which is in the sense that dangerous driving implies something more serious than mere careless driving*." (ara ukoll f' dan is-sens : App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Manwel Mallia**[28]" u "**Il-Pulizija vs. Charles Bartolo**[29]". Imbaghad fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes**[30]" gie ritenut li ;- "*sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta' normi regolamentari* ."

Dak li l-appellant jidher mill-appell tiegħu li qiegħed isosti hu li l-imprudenza tas-sewweiq ta' ready mix ħolqot *emergenza subitanea* li rrendiet lill-appellant f' impossibilta' li tittieħed azzjoni tempestiva evasiva. Jinghad li dan mhux korrett ghaliex kieku l-appellant ma kienx qed isuq b'dik il-velocita kollha kien ikollu l-hin kollu sabiex jirrallenta molto piú meta tqis kif stqarr hu stess li kien gja ra l-vettura ta' Marmara. Minkejja li kien raha ha d-decisjoni li jidhol go fiha *head on* minflok li jieqaf habta u sabta. Irridu niftakru li fil-kamp penali n-negliġenza kontributorja ma teżonerax lil akkużat mir-responsabbilta' kriminali ghalkemm tista f'certi kazijiet tiġi kkunsidrata ai fini ta'piena.

---

[25] Deciz mill-Qorti tal Appelli Krimianli nhar l-20 ta April 1963

[26] Vol. XLIV , p.892

[27] Deciz fis-7 ta Mejju 1955

[28] Deciz mill-Qorti tal Appelli Krimianli nhar id-9 ta' Marzu 1959 Kollez. Vol. XLIII p. 1001

[29] Ibid

[30] Deciz mill-Qorti tal Appelli Krimianli nhar it-3 ta' Mejju 1953 Kollez. Vol. XXXVII iv. p.1108

Illi meta din il-Qorti ezaminat mill-gdid id-dinamika tal-allegat sewqan hazin tal-appellant fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, din il-Qorti hija tal-fehma li minn dak li rrizulta mix-xhieda ta' Christian Borg, Daniel Borg, Godwin Marmara u l-appellant stess jirrizulta ghas-sodisfazzjon taghha li l-prosekuzzjoni irnexxilha tipprova in-nexus bejn l-incident li sehh tort uniku tal-appellant minhabba imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku specifikament li ma zammx man-naha korretta tieghu tat-triq u cioe' max-xellug u li saq bi speed eccessiv u ghalhekk saq b'perikolizita'. Dan l-agir wassal biex Godwin Marmara isofri feriti ta' natura gravi u Rose Marmara issofri hsart estensivi fil-vettura taghha. Dan l-agir jammonta ghal dak il-grad ta' sewqan hazin li jikkostitwixxi r-reati addebitati lil-appellant u cioe' sewqan perikoluz. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti timmerita li tigi kkonfermata kemm fir-rigward ta' htija kif ukoll fir-rigward tal-piena inflitta u dan sbaiex l-appellant jghraf ir-responsabilita' tieghu meta jkun qed isuq u ghalhekk qieghda tichad l-appell tieghu.

In oltre qieghda ukoll tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat l-iskwalifika tal-licenjza tas-sewqan tal-appellant ghal perijodu ta' sitt xhur li jibdew jiddekorru mill- illum f'nofs il-lejl u ghalhekk tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tat-Transport Malta sabiex jiehu hsieb jigbor tali licenzja.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur